MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2007

Numru 226/2001

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Cordina)

vs

Grace Gatt

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Grace Gatt detentrici ta’ karta ta’ identita’ numru 34568G, akkuzata talli:

1. fil-15 ta’ Frar 2001 u f’dati precedenti, fin-Naxxar u fi bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, maghmula b’risoluzzjoni wahda, b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdiet

b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-esistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh bi hsara ta' haddiehor - bi ksur ta' l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. fl-istess cirkostanzi approprjat ruhha, billi dawwret bi profit ghaliha jew ghal haddiehor minn haga ta' haddiehor li giet fdata jew ikkunsinnata lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat minhabba l-kariga jew servizz taghha, jew minhabba depozitu necessarju - bi ksur ta' l-Artikoli 293 u 294 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. fl-istess cirkustanzi ippromoviet gbir li minhabba f'hekk sar gbir li ma kienx awtorizzat skond il-ligi - bi ksur ta' l-Artikolu 3 tal-Kap 279 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. ikkommettiet dawn ir-reati filwaqt li kienet ufficjal jew impjegata pubbliku, b'hekk saret hatja ta' reat iehor li kellha tissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga taghha kellha d-dmir li timpedixxi - bi ksur ta' l-Artikolu 141 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli tal-ligi (folio 67) li permezz taghhom l-Avukat Generali baghat lill-imputata sabiex tigi gudikata minn dina l-Qorti fin-nuqqas ta' oggezzjoni minn naha taghha b'dan pero' illi qabel ma l-Qorti tistaqsi lill-akkuzata jekk ghandhiex oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja 'tisma r-rappresentanti tal-bank u l-provi l-ohra kollha li fadal'.

Semghet ix-xhieda kompriza dik rikjesta fir-rinviju u wkoll l-imputata bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Ai termini tar-rinviju tal-Avukat Generali huma ippotizzati kontra l-imputata l-imputazzjonijiet segwenti:

i. it-truffa taht l-Artikolu 308 tal-Kap 9;
ii. il-qerq innominat taht l-Artikolu 309 tal-Kap 9;

z-zewg reati ta’ hawn fuq huma ikkontemplati bhala aggravati skond l-Artikolu 310;

iii. l-approprjazzjoni bla jedd taht l-Artikolu 293 tal-Kap 9 taht cirkostanzi
aggravanti a tenur ta’ l-Artikolu 294 tac-citat Kap 9;
iv. in-nuqqas ta’ licenza ghal-gbir taht l-Artikolu 3 tal-Kap 279;
v. taht id-disposizzjoni generali tal-Artikolu 141 tal-Kap 9;
vi. taht l-Artikolu 18 tal-Kap 9 dwar reati kontinwati.

Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma sintezizzabbli filli l-imputata talbet donazzjonijiet mill-pubbliku, kemm permezz ta’ ittra li giet pubblikata fil-gazzetta ‘The Sunday Times of Malta’ u kemm permezz ta’ittri mibughta go djar privati, li permezz taghhom gabret ammont ta’ flus bl-intendiment li jinxtara apparat specjalizzat li jevalwa ‘il-gastro enterological refux’ u li jintuza fit-trattament ta’ kundizzjoni mhux komuni ta’ allergija ghall-ikel u problemi ‘gastro-enterologici’. Mhux kontestat li l-imputata kienet f’dak iz-zmien membru tal-Korp tal-Pulizija. Lanqas mhu kontrastat li l-imputata ghandha binha jsofri minn dina l-kundizzjoni rara li tikkomporta spejjez mhux negligibbli ghall-imputata u zewgha sabiex jipprovdu ghat-trattament ta’ binhom partikolarment meta l-apparat ma kienx jesisti fl-isptar generali, diversament ghall-lum il-gurnata, li dan l-apparat inxtara minn xi agenzija jisimha TIPS. L-imputata mhux kontradetta tghid li gabret is-somma ta’ Lm300 eskluzi xi spejjez inkorsi u mnefqa minnha f’karti u bollol u kkontribwit Lm500 lil imsemmija agenzija TIPS.

Issa in vena legali sabiex jkun hemm ir-reat ta’ truffa jehtieg li jkun hemm l-ingann li jkun jikkonsisti f’raggiri jew artifizzji, cioe’ il-‘mise en scene’; fin-nuqqas ta’ dan it-tip ta’ ingann jkun hemm r-reat ta’ frodi innominat. Fi kliem iehor biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominat irid jkun gie adoperat mill-agent xi forma ta’ ingann jew qerq li

jkun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga b'telf patrimonjali ghaliha u konsegwenti qligh ghall-agent. Dan l-ingann din il-Qorti ma identifikatux u ghalhekk mhiex qeghdha tirriavisa ebda reita' taht l-Artikoli 308 u 309 u per konsegwenza l-Artikolu 310.

Fil-kaz tal-approprjazzjoni indebita fil-kaz in meritu kien necessarju li jigi pruvat kemm il-kwerela tal-parti leza u kemm l-approprjazzjoni ta' flus haddiehor fdati lilha biex isir uzu minnhom specifikat billi jintwera li l-imputata dawwret dawn il-flus bi profit ghaliha jew ta' persuna ohra. Fil-kaz in kwistjoni jirrizulta li l-imputata irceviet flus fuq appelli li ghamlet biex bihom tinxtara magna specifika. L-imputata tghid u jidher li d-dokumenti jissufragawha li irceviet xi Lm300 f'donazzjonijiet li ghaddiethom lill-agenzija TIPS li minn naha taghha xtrat il-magna li giet donata l-isptar generali. Din il-Qorti assolutament ma identifikatx ebda prova, li kellha tigi provduta mill-prosekuzzjoni, li l-imputata dawwret l-ammont li rceviet f'donazzjonijiet bi qligh ghaliha. Oltre dan l-ebda kwerela ma saret jew almenu l-ebda kwerela ma giet esebita u l-Qorti ma tarax li l-kawza setghet f'dan il-kaz titmexxa 'ex officio' taht l-Artikolu 294 li kif tajjeb ssottomettiet id-difiza mhux applikabbli f'dan il-kaz.

Ghar-rigward l-Artikolu 3 tal-Kap 279 r-reat prospettat hu n-nuqqas ta' licenza ghall-gbir. Issa dan il-Kap fl-Artikolu 2 jirreferi u jinkludi kull gbir anka dak li jsir "bil-mezz ta' xi reklam, jew b'xi mod iehor ikun li jkun". Ghandu jkun kwindi car fil-kaz in disamina li l-gbir maghmul mill-imputata jaqa' taht il-kategorija ta' gbir li kellhu bzonn licenza. Palesament licenza ma kienx hemm. Fil-kaz in meritu hi l-fehma ta' din il-Qorti li l-imputata kienet kemm il-promotur u kemm il-kollettur. Jiskatta ghalhekk kontra taghha l-piena stabbilita fl-Artikolu 10 tac-citat Kap li fil-kaz tal-imputata hu previst f'massimu ta' sitt xhur prigunerija jew il-multa ta' mhux izjed minn Lm500.

Illi tenut pero' kont tac-cirkostanzi partikolari l-Qorti tahseb li l-piena l-aktar gusta ghandha tkun l-applikazzjoni kontra l-imputata tal-Artikolu 22 tal-Kap 446.

Ghaldaqstant issib l-imputata hatja tat-tielet u r-raba akkuza u tilliberaha mill-bqija. Rat l-Artikolu 2, 3 u 10 tal-Kap 279 u l-Artikolu 141 tal-Kap 9 u tiddecidi li tillibera lill-imputata taht l-Artikolu 22 tal-Kap 446 bil-kondizzjoni li ma taghmilx reat iehor ghall-perjodu ta’ sitt xhur mill-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputata r-responsabbiltajiet taghha b’din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------